# Jitnieda l-album 'Għanjiet minn Malta – Songs from Malta'

## (It-tieni parti)

**Noel D'Anastas**
ndanastas@gmail.com

L-LP epiku 'Għanjiet minn Malta – Songs from Malta' li fih spikkat il-vuċi ħelwa ta' Mary Rose Mallia qed jiċċelebra l-ħamsin sena mill-ħruġ tiegħu. Bi kliem ta' Joe Friggieri u mużika ta' Charles Camilleri, 'Għanjiet minn Malta' jibqa' wieħed mill-aktar albums sinifikanti li ħalla marka fl-istorja tal-mużika leġġera Maltija, 'art songs' li ma jmutu qatt u wara ħamsin sena għadhom friski.

Il-Mument tal-ġimgħa l-oħra tat tislima xierqa lil 'Għanjiet minn Malta', ir-recording, it-tnedija u l-memorja ta' Mary Rose Mallia. Il-memorja tkompli llum b'intervista esklussiva mal-awtur Joe Friggieri u x'kienu qalu l-kontributuri fil-ġurnali.

### X'qalu l-kritiċi fil-gazzetti

Il-kontributuri tar-rubriki mużikali u l-paġni tal-kultura fir-rivisti u l-ġurnali Maltin ta' dik l-epoka enfasizzaw fuq il-ħruġ ta' dan l-LP.

Mario Azzopardi, poeta, direttur teatrali u kritiku tal-arti li ħalliena f'Marzu li għadda, kien kiteb hekk fl-*Orizzont* tal-10 t'Awwissu 1972: 'Għanjiet minn Malta huwa eżempju ta' kif għandha tkun diska lokali mfassla fuq valuri kulturali tajbin." Jistqarr li dan l-LP huwa "xi ħaġa superjuri mid-diski rħas tal-għana li dan l-aħħar korrispondent f'dan il-ġurnal stqarr li ħerġin fis-suq bħall-bottijiet tal-piżelli," b'referenza għall-makjetti ta' Renald Abela, Fredu Abela *'il-Bamboċċu'*, George Azzopardi *'il-Makk'*, Michael Fenech *'ir-Ringo'*, John Laus u Pawlu Tanti li kienu qed jifqgħu s-suq tad-diski, bl-akbar suċċess tkun it-'Taxi Mary' li kellha bejgħ kbir fl-1970. Azzopardi jieħu nifs t'ottimiżmu u jistqarr li b''Għanjiet minn Malta' wieħed iħossu jistejqer meta jintebaħ li għall-inqas fuq dil-gżira hawn min jaf joħloq kombinazzjoni ta' mużika, lirika u melodija ta' leħen artistiku.

Charles Xuereb, magħruf sew fil-qasam tax-xandir lokali, dak iż-żmien kontributur fuq l-andament kulturali lokali, jirrimarka hekk fil-ġurnal *Il-Ħajja* tad-19 ta' Settembru 1972: "Tieħu r-ruħ, tgħid din xi ħaġa aħjar" għall-kuntrast dwar l-għajta tal-poplu b'taqbiliet li kienu qed ibigħu ħafna.



Il-Prof Joe Friggieri lejn l-aħħar tas-snin 60. Fir-ritratt taħt tidher il-firma tal-passaport ta' Prof Joe Friġġieri (Ritratti: Arkivju Nazzjonali)




**• Il-Prof Joe Friggieri li bħalissa qed jaħdem fuq pubblikazzjoni ġdida bil-poeziji tiegħu li dalwaqt jaraw id-dawl, iġib il-memorji tiegħu dwar kif inkiteb 'Għanjiet minn Malta'. Din hija sintesi mill-intervista li saret ftit tal-jiem ilu.**

Charles kien jgħidli li dawn il-kanzunetti ma jmutu qatt. Għażilna isem bilingwali għax Charles kien isostni li jekk turist jidħol f'ħanut u jistaqsi għal mużika tal-post, tajjeb li jkun hemm ukoll it-titlu bl-Ingliż fuq il-jacket (l-isleeve). Id-disinn tal-kopertina għamlu ħija, Donald li ħalliena din is-sena. Tajjeb li wieħed jgħid li għal dak iż-żmien dan l-album kien speċjali, xi ħaġa ġdida.

L-idea bdiet minn missier Mary Rose li xtaqha tagħmel dan l-LP. Kien avviċina lil Charles Camilleri, imbagħad Charles avviċina lili. Is-soltu jagħmlu l-kliem l-ewwel imbagħad il-mużika, imma f'dan il-każ kien bil-maqlub, l-ewwel saret il-mużika mbagħad il-kliem. Fl-opri li ħdimt ma' Charles Camilleri, l-ewwel tajtu l-librett. Qed nitkellmu fuq 'il-Wegħda', u 'Il-Fidwa tal-Bdiewa'.

Charles kien kuntent ħafna bl-idea. Charles kien jemmen li dawn il-kanzunetti 'art songs' se jibqgħu. Kien jgħidli qed tisma' li hi Maltija? Jien kien ikolli ftit tad-dubju xi tfisser din 'Maltija'. Meta kien itini l-mużika sibta faċli ħafna biex indaħħal il-kliem magħha. Jien kont immur għandu d-dar San Pawl tat-Tarġa li ma konniex ħafna bogħod minn xulxin, nitilgħu fuq fl-istudju, illum id-dar waqgħet u bnew minflokha. U meta nitilgħu fuq u jibda jdoqq kien jgħidli, "Qed tismagħha li hi Maltija?" Imbagħad meta noħodlu l-lirika kien jgħidli kanta. Jien kont imdorri nkanta f'kor. Kont inkanta fil-kor ta' Patri Bert fil-Konkattidral il-Belt. U kien jidħaq meta jisma' l-kliem jiffitja eżatt fil-mużika.

U meta kont ngħidlu dan il-vers mhux qed nifhmu, kien jgħidli bil-mod umoristiku tiegħu biex jipprova jfehemni ".... u waqagħlu l-qalziet." Kont ngħidlu nsibu vers ieħor? Kien jgħidli, tajba, tajba, tajba! Kien jikteb dak il-ħin fuq l-iscore sheet quddiemu, bil-lapes, iħażżeż.

Kienu kollha sbieħ u tibqa' tiftakarhom. M'hemmx silta waħda fuq dak l-album li ma tibqax tiftakarha. Bla dubju l-aktar żewġ siltiet li baqgħu popolari huma dawk li jdoqqhom kulħadd, *Il-Festa* u *Fuq il-Pont ta' Wied Rummiena*.

*Il-Festa* ktibtha f'xenarju tal-festa tar-raħal tiegħi, Ħal Lija. U n-nies ta' Ħal Lija l-aktar li jieħdu gost b'vers minnha, "sparar bħal tagħna m'hawn imkien". Issa dik hija kanzunetta umoristika. Il-kliem mhux sfurzat. F'dik il-kanzunetta fiha djalogu, Isma x'tgħajjat Margerit... Innota li kull nota għandha sillaba, allura ma fihiex tkarkir. Meta inti tagħmel sillaba għal kull nota, allura tinħass li hija naturali. Però, veru dak li jgħid Charles li fiha hemm xi ħaġa li hi Maltija. Spirata wkoll minn għanjiet folkloristiċi, imma mhux għanja folkloristika meħuda u trasposta, le, miktuba b'mod oriġinali. Meta ktibt *Il-Festa* kelli f'moħħi Ħal Lija. Hija dnub li tracks oħra ma tantx idoqqu. *Rajt Raġel*, sabiħa tant, hija meditattiva ħafna, it-telgħa ta' tbatija, jista' jiddentifika magħha kull min għaddej minn xi perjodu ta' sofferenza, ta' tbatija. Hija applikabbli b'mod universali.

*Taħżiż* tirrappreżenta lil xi ħadd qed iħażżeż, ippinġi suldat fuq ħġieġa ta' tieqa mtappna bil-fwar. *Il-Minwett tal-Granmastri* hija orkestrali bħalma hija *Iż-Żifna*. Il-kumplament huma kollha fuq lirika tiegħi.

*Il-Pont ta' Wied Rummiena* hija 'nonsense rhyme', iġifieri hija storja fantastika, fiha l-fantasija. Timmaġinha, qisha surreali, parti minn ħolma. Għax inti meta tkun qed tikteb xi ħaġa bħal dan l-album, trid tidħol fil-burdata, ma jistax ikollok kanzunetti kollha allegri. Allura *Il-Pont ta' Wied Rummiena* toqgħod tajjeb bejn żewġ kanzunetti ta' riflessjoni. Dik toħloqlok tbissima, hija pjuttost umoristika.

L-appell tiegħi biex id-DJs idoqqu mużika Maltija. Nixtieqhom iffitxu wkoll tracks oħra f'dan l-album.

Il-papà ta' Mary Rose kien il-promotur ewlieni. Fil-fatt dik ġiet irrekordjata Londra b'mod professjonali. Jien ma kontx tlajt magħhom. Kienu telgħu Charles u Mary Rose. Kellhom kollox ippjanat minn qabel.

Tistagħġeb li l-ġmiel ta' 'Għanjiet minn Malta' hija li l-elementi orkestrali li huma ftit. Kull strument għandu l-identità tiegħu. Charles ma kienx biss surmast tal-melodija, imma wkoll tal-orkestrazzjoni. Meta kien barra kien jagħmel ħafna orkestrazzjoni għal big bands li kien jidderieġi huwa stess.

Charles kellu umoriżmu kbir. Meta konna ninżlu fil-ġnien, Doris, martu kienet tagħmlilna ruġġata. Niftakar meta kollu ċajt, darba qalli biex nara l-akwarju taż-żringijiet. Charles kien jieħu gost f'kumpanija ta' ħbieb. Kien jaf li huwa kompożitur tajjeb. Ġab miegħu l-esperjenza ta' snin twal idoqq barra. Jien l-ewwel darba li niftakru bl-accordion fuq il-kopertina ta' *Children's Own*. Naturalment kien jiġi wkoll id-dar biex noħorġu passiġġata u nitkellmu fuq proġetti. U minn hemm twieldu dawn l-ideat.

> **Wieħed iħossu jistejqer meta jintebaħ li għall-inqas fuq dil-gżira hawn min jaf joħloq kombinazzjoni ta' mużika, lirika u melodija ta' leħen artistiku.**